MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Numru. 193/2003

PULIZIJA
SPETTUR RAMON MERCIECA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
MIKIEL ANGLU MAMO
RUBY RITCHIE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Mikiel Anglu Mamo ta’ 30 sena bin emanuel u Lois Ann nee Robicheau, imwieled L-Isla fit-23 ta’ April 1972 u joqghod 25, Market Street, Floriana detentur tal-karta tal-identita numru 183772M u Ruby Ritchie ta’ 30 sena bint Edgar u Janet nee Rayner, imwielda Pieta fit-3 t’Ottubru 1972. Li fil-present toqghod 6, flat 8, St Nicholas Street, Valletta detentur tal-karta tal-identita numru 433772M talli fil-lejl ta’ bejn l-20 u l-21 ta’ Frar 2003 fl-Imsida, ikkommetta serq minn vettura b’numru ta’ registrazzjoni GAA 819 ghad-dannu ta’ John G Cassar Limited ta’ Victory Street Hal

Qormi u ta' Warren Zarb mill-Imsida, liema serq huwa aggravat bil-valur, hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikoli 261©, (f), (g) u 267, 270 u 271(g) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt u dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u cioe ipprova jaghmel uzu minn zewg BOV cards ghad-dannu ta' Warren Zarb u dan bi ksur tal-artikoli 41 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-sitess data, hin, lok u cirksotanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAA819, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 (hamsin lira maltin) izda mhux aktar minn Lm100 (mitt lira maltin) ghad-dannu ta' John's Auto Care Ltd u dan bi ksur tal-artikoli 325(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument bil-ponta (mus), minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 13 tal-kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Ruby Ritchie wahedha:
Talli fil-21 ta' Frar 2003 ghall-habta tal-5.30am gewwa l-Belt Valletta, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamlet qliegh ta' Lm20 ghad-dannu ta' Warren Zarb u dan bi ksur ta' l-artikolu 308 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli matul l-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor, ghamlet qliegh iehor b'qerq ghad-dannu ta' Warren Zarb u dan bi ksur tal-artikolu 309 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Mikiel Anglu Mamo u lil Ruby Rtchie flimkien:

Talli f'dawn il-gzejjer, nhar il-21 ta' Frar 2003 u fix-xhur ta' qabel, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira maltin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli b'hekk Mikiel Anglu Mamo u Ruby Ritchie saru ricedivi ai termini ta' l-artikoli 49, 50, u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu 2003 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom u rat illi l-imputati ma ghandhomx oggezzjoni li l-oggetti jigu ritornati lil sidhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti issib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 261©, (f), (g) u 267, 270, 271(g), 41, 325(b), 308, 309, 334, 49, 50,289, 28H u 28G tal-kap 9 u Art 13 tal-kap 66, u tikkundanna lill-imputata Ritchie ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn taht is-supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Borg u lill-imputat Mamo ghal tlettax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin taht is-sorveljanza tal-probation officer Mariella Camilleri u dana bl-obbligu li l-imputati ghandhom jhallsu l-ammont Lm98.79c f'rati mensili ta' Lm10.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------